MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| Riferenza: | | Minuti tas-Seduta 45/K7/2016 |
| Data: | | It-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2016 |
| Post: | | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | | Il-laqgħa bdiet fil-17:30 |
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius 18:55<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sjra Karen Camilleri |
| Skużati : | | Alan Abela Wadge<br>Dr Alex Sciberras<br>Matthew Mangion – Chairman KAS |

MSIDA

**KUNSILL LOKALI MSIDA**

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Jum l-Imsida
4. Quarterly Financial Report
5. Komunikazzjoni minn laqghat li saru
6. Ilmenti u talbiet lill-Kunsill
7. Affarijiet ohra
8. Aġġornament

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti** — Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Nru 44

Intalbu xi korrezzjonijiet.

Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet mitluba.

2. **Punti Mqajjma mill-Minuti**

2020 Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa kienx hemm xi zviluppi dwar il-kaz tas-Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li għamlet kuntatt mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex joħorġu l-aħħar struzzjonijiet, iżda sa qabel ma bdiet il-laqgħa ma kienx hemm risposta dwar il-każ. — Punt 1961 – Segretarju Eżekuttiv

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2021 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm deċiżjoni dwar iċ-ċaqliq tal-Pedestrian Crossing. Il-Kunsillier Emanuel Brincat infurma lill-membri li kien hemm deċiżjoni u t-talba tal-Kunsill ma ġietx aċċettata, għal fatt li fejn ġiet proposta din il-Pelican Crossing, kienet se tkun aktar ta' periklu. Il-Kunsilliera Maurice Agius u Charles Selvaggi talbu li jingħataw kopja tal-korrispondenza. | Punt Nru 1963 - Caqliq ta' Pedestrian Crossing |
| 2022 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm deċiżjoni dwar il-First Aid Course. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-impjegati ma jistgħux jattendu nhar ta' Sibt jew wara l-ħin tax-xogħol, minħabba l-impenji li għandom bil-familja. Is-Sur Charles Selvaggi talab li tittieħed deċiżjoni. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill imexxi bil-korsi mingħajr l-attendenza tal-impjegati. Għaldaqstant għandu jsir kuntatt mal-kumpanija u naraw meta jista' jinbeda l-kors. | Punt Nru 1965 – First Aid Course |
| 2023 | Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk il-pjanti tlestewx. Is-Sindku u l-Kunsillier Emanuel Brincat infurmaw lill-membri li l-pjanti kienu għadhom mhux lesti u ntbagħtet reminder oħra lill-Perit tal-Kunsill | Punt Nru 1966 Rampi fi Triq it-Tabib Naudi |
| 2024 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa dwar il-linji tat-traffiku fi Triq Gemma Portelli. Ġie kkonfermat li kien hemm vettura qed tostakola x-xogħlijiet, liema xogħlijiet ġew iffinalizzati aktar kmieni matul il-ġurnata. | Punt Nru 1968 – Triq Gemma Portelli |
| 2025 | Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li tkellem mal-Kappillan rigward l-użu tal-parkeġġ tal-Knisja. Il-Kappillan infurmah li hu lest jiftaħ il-parkeġġ, għar-residenti ta' Triq Rue d'Argents, iżda ma jkunx jista' jintuża nhar ta' Sibt u meta jkun | Punt Nru 1973 - Il-kwistjoni tal-AVIS f'Misraħ il-5 ta' Ottubru |

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

hemm xi ta' attivita' tal-Komunita'. Is-Sindku saħqet li importanti li r-residenti jkunu nfurmati li min għandu garaxx ma jikwalifikax għal dan il-parkeġġ.

2025A Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa kienx hemm żvilupp. Is-Sindku fissret li Transport Malta infurmat li se jsir Enforcement. Il-Kunsillier Romina Galea ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir enforcement ukoll fuq dawk it-trakkijiet li jġorru l-karozzi.

Punt 1982 - Tombla fix-xhur tas-Sajf mill-Boċċi Club.

2026 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar il-permessi mitluba mill-Bocci Club. Is-Sindku nfurmat li l-Barman ikkopera ħafna u ħallas il-permessi meħtieġa kif mitlub mill-Kunsill.

Punt 1994 – Tindif Xatt tal-Imsida

2027 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk inbedix ix-xogħol it-tindif tax-Xatt tal-Imsida. Is-Sindku nfurmat li x-xogħol għadu ma nbedix u se tintbagħat reminder. Is-Sindku nfurmat li talbet lid-Direttorat sabiex jiġu nstallati CCTV Cameras.

Attivitajiet – Sotto Kumitat Anzjani

2028 Il-Kunsillier Emanuel Brincat staqsa dwar l-Attivitajiet li se jiġu organizzati mis-Sotto Kumitat Anzjani. Il-Kunsillier Lino Bartolo qal li l-lista ta' attivitajiet ghaddieha lill-impjegata Gemma Cassar biex tghaddiha lill-membri.

1996 – Organizzar ta' Korsijiet mill-Kumpanija P5+

2029 Is-Sindku nfurmat li saret laqgha mar-rapprezentant tal-Kumpanija P5+ fejn sar qbil li jikru l-Computer Room ghall-prezz ta' €40 kull lezzjoni. Il-Kunsill se jkun qed jipprovdi te, cafe u zokkor u se jigi provdut ukoll dispenser tal-ilma ghal prezz ta' €84 fis-sena. Is-Sindku nfurmat li dawn il-lezzjonijiet se jibdew nhar it-Tnejn 27 ta'Gunju u se jinzammu bejn it-8.00a.m. u s-6.30p.m. Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa jekk il-hlas hux se jsir ghal kull session (jekk f'kaz li gurnata jkun hemm aktar minn session wahda) jew jekk hux ghal kull

2013 - Blokka tal-Konkos quddiem il-Football Club

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

gurnata. Is-Sindku qalet li l-hlas se kull ghal kull gurnata.

| | | |
|---|---|---|
| 2030 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li dahal fis-site tal-Awtorita tal-Ippjanar u ma sab l-ebda permess/applikazzjoni ghall-blokka in kwistjoni. Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li ssir verifika mas-site tal-Planning Authority f'kaz li ssir sospensjoni waqt is-Seduta. Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li dan qed jaghmlu ghax hemm haddiehor li jixtieq japplika ghal xoghlijiet simili.<br><br>(Is-Seduta giet sospiza sabiex issir il-verifika mitluba) | Extension ta' Bankina quddiem Sphynx Pastizzerija |
| 2031 | L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li fuq is-site tal-Awtorita' tal-Ippjanar ma nstabet l-ebda applikazzjoni dwar il-blokka in kwistjoni. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, kien hemm qbil li ssir verifika mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar dan l-izvilupp. | Impjegata tal-Kunsill |
| 2032 | Il-Kunsillier Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx approvazzjoni ghal Traffic Management fejn Sphynx Pastizzerija. Is-Sindku nfurmat li hemmhekk kulma se jsir huwa extention tal-bankina. Il-Kunsillier Lino Bartolo gibed l-attenzjoni tal-membri u sahaq li huwa mportanti li dan ix-xoghol isir skont is-sengha u jkun komplut bil-kurduna. | 2016 - Ħasil ta' karozzi minn Dealer |
| 2033 | Il-Kunsillier Lino Bartolo staqsa kif baqa' l-Kunsill dwar il-kaz tal-impjegata Gemma Cassar. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qrat kopja tal-korrispondenza li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan il-kaz. | 2017 - Skart maħruġ mill-MFSA |

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

2034 Il-Kunsillier Lino Bartolo qal li kien hemm ħafna ħmieġ. Il-Kunsillier Charles Selvaggi rrimarka li kellu każ dwar caravan mitluq u fi ftit siegħat ittieħdet azzjoni mmedjata.

2035 Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li l-impjegati ta' MFSA reġgħu ħarġu l-iskart ftit qabel bdiet il-laqgħa. Is-Sur Aguis enfasizza li jsir rapport lill-Pulizija għaliex minkejja li kellimhom, l-abbuż xorta baqa' jseħħ bl-iskuża li huma ma jkunux hemm filgħaxija. Il-Kunsillier Romina Galea infurmat lill-membri li kien hemm każ fejn residenza bieb ma bieb mal-istess Kumpanija ħarġet miżbla skart u meta l-Pulizija marru jiġbru l-filmat tas-CCTV Cameras, kumbinazzjoni, l-cameras ma kienux qed joperaw! Il-Kunsillier Romina Galea fissret li kullimkien spiċċa miżbla. Il-Kunsillier Charles Selvaġġi qal li hemm bżonn li jibdew jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet, għaldaqstant is-servizz ta' Eco Wardens huwa meħtieġ. Is-Sindku nfurmat lill-membri li dan is-servizz għadu ma nbediex. Saret kjarifika ma' LESA u ġie kkonfermat li dan is-servizz mhux jingħata bħalissa.

## 3 Korrispondenza

| | | |
|---|---|---|
| 2036 | Kotba għal-Librerija mill-Awtur Lorna Vassallo – Il-Kunsill approva li jinxtraw il-kotba għal-Librerija. | Xiri ta' Kotba għal-Librerija |
| 2037 | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Ċirkulari maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-European Mobility Week. Minħabba bosta mpenji din l-inizzjattiva mhux se ssir din is-sena. | European Mobility Week |
| 2038 | 1054/16 – Il-Kunsillier Charles Selvaggi rrimarka li l-iskart kien ilu hemm. Għaldaqstant jeħtieġ li ssir tabella biex ma jintremix skart. | |

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

2039 Approvazzjoni sabiex jingħalaq l-aċċess ta' Triq Garcin – Is-Sindku nfurmat li Transport Malta ħarġet l-approvazzjoni sabiex jingħalaq l-aċċess minn Triq Garcin għal Triq ix-Xatt tal-Imsida, bi prova għal xahar. Is-Sindku spjegat li se jitwaħħlu tabelli ta' No Entry f'Misraħ il-Barrieri sabiex ma jinżlux vetturi għalxejn. Il-kunsillier Charles Selvaggi qal li b'din l-inizzjattiva se jitwal l-aċċess tar-residenti.

2040 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa x'sar dwar ir-Residents' Parking Scheme fil-lokalita'. Is-Sindku nfurmat li Transport Malta kkonfermat li hemm applikazzjoni tal-Kunsill iżda bħalissa din l-iskema hija sospiża għaliex għadha qed tinħadem white paper.

2041 Il-Kunsillier Charles Selvaggi ssuġġerixxa li ssir pressjoni mal-Gvern Ċentrali għaliex ir-residenti tal-Imsida qed jiġu ddiskriminati ħdejn residenti ta' lokalitajiet oħra. Il-Kunsill ma jistax jibqa' jistenna u għaldaqstant għandu jieħu azzjoni.

2042 Il-Kunsillier Matthew Agius spjega li f'lokalitajiet oħra, jekk tagħmel 5 minuti aktar mill-ħin tinħareġ ċitazzjoni, għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu għandha tintbagħat ittra iebsa lil Transport Malta fejn il-Kunsill jgħidilhom li ilhu aktar minn tlett (3) snin jistenna u jeħtieġ li jkollna risposta fi żmien tlett ġimgħat.

2043 1051/16 – Talba għal Green Skip – Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jibqa' jaddotta l-Policy li ma jipprovdix skips fil-lokalita'.

2044 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar il-korrispondenza ta' Transport Malta dwar il-każ tal-AVIS.

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

2045 1028/16 – Talba mis-Sur Manuel Abela sabiex isir Monument tal-Gostra. Is-Sindku spejgat li l-prinċipju huwa tajjeb ħafna iżda minħabba problemi finanzjarji dan ma jistax isir għalissa.

2046 Talba minn Msida Football Club sabiex jintrama Bar fil-ġimgħa tal-Festa. Saret diskussjoni dwar din it-talba u sar qbil li tiġi ppreżentata site plan u tiġi identifikata eżattament l-area li trid tintuża. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li skont il-Liġi, tali permessi jinħarġu biss għal quddiem l-entratura tal-istabbililment jekk għandu l-permessi meħtieġa biex jopera bħala Bar.

2047 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar il-każ ta' Arcidiacono. Is-Sindku nfurmat li dawn kulma ppreżentaw kienet site plan immarkata u mhux id-disinn ta' kif iridu l-fanali. Il-Kunsillier Lino Bartolo fisser li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jibqa' għaddej bil-pjanijiet tiegħu. Ġibed l-attenzjoni wkoll li l-fanal li kien inqala jerġa' jitwaħħal f'postu mill-aktar fis. Is-Sindku nfurmat li qed nistennew risposta mill-Kuntrattur dwar dan. 0985/16 – Arcidiacono Ltd

## 3 Jum l-Imsida

2048 Is-Sindku nfurmat li nhar l-4 ta' Lulju se tinżamm is-Serata ta' Ċajt u Kant.

2049

Il-Kunsillier Lino Bartolo nfurma li s-Sotto Kumitat Anzjani se jorganizza Ħarġa għall-Anzjani fejn se jkollhom l-opportunita jżura Kastilja u jiltaqgħu mal-Prim Ministru. Wara jinżlu l-Barrakka, jaqbdu l-lift u jaqsmu bid-dgħajsa għall-Birgu, fejn hemmhekk ikollhom ikla. Jitilqu lura għall-Imsida mill-Birgu. Din l-attivita' se ssir filgħaxija sabiex tiġi ssalvagwardjata s-Saħħa tal-Anzjani sabiex ma jiġux esposti għas-sħana u xemx.

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

2050 Is-Sindku nfurmat li se tinżamm Ħarġa għat-Tfal, fejn se jkollhom l-opportunita' jżuru l-Bristow Potteries.

2051 Il-Kunsillier Romina Galea nfurmat li f'Jum iż-Żgħażagħ se tinżamm attivita' mill-Kumitat tal-Kunsill taż-Żgħażagħ

2052 Is-Sindku nfurmat li ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Imsida se jinżammu l-Ġimgħa minflok is-Sibt, fejn se tinżamm il-Parata, Quddiesa, l-Għoti ta' Mertu Msida u Riċeviment.

2053 Is-Sindku nfurmata li l-Ħadd se tinżamm il-Lejla Maltija.

2054 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Lino Bartolo nfurmat li se jinħarġu l-applikazzjonijiet sabiex jintlaqgħu nomini għall-Mertu Msida. Dawn l-Applikazzjonijiet se jiftħu mit-Tlieta 14 ta' Ġunju u jagħlqu l-Ħamis 30 ta' Ġunju 2016

2055 Il-Kunsillier Lino Bartolo ppropona li l-Bord tal-Għażla jkun iffurmat mis-Sur Matthew Dimech, s-Sinjorina Marita ____________ u l-Imħallef Philip Sciberras.

2056 Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill qabel li jiltaqa' l-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2016, sabiex jiddiskuti n-nomini u jingħażel ir-rebbieħ. Is-Sur Charles Selvaggi nfurma lill-membri li dakinhar se jkun imsiefer għaldaqstant talab li jkun skużat mil-Laqgħa.

## 4. Festa San Ġużepp 2016

2057 Is-Sindku staqsiet jekk hux se jiżdiedu l-Gabbani. Il-Kunsillier Emanuel Brincat fisser li jeħtieġ li dawn jiżdiedu u jiġu mpoġġija fuq wara. Tqajjmet diskussjoni dwar l-armar tal-gabbani u ġie

MSIDA
KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

maqbul li min ma jarmax din is-sena jitlef il-post s-sena d-dieħla. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u ġiet enfasizzata li l-bejjiegħa jiġu nfurmati b'mod immedjat dwar din id-deċiżjoni.

Barra minhekk jeħtieġ li tiddaħħal klawsola oħra li min jiċċaqlaq minn postu, l-Kunsill iżomm id-dritt li s-sena d-dieħla ma joħroġx il-Permess.

Il-Kunsill qabel li ssir sorveljanza u tittieħed l-attendenza bis-servizz tal-Pulizija jew Gwardjani Lokali.

## 5.Quarterly Financial Report – Jan – Mar 2016

2058 Ġie ppreżentat l-Quarterly Financial Report Jan-Mar 2016

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-sitwazzjoni finanzjarja hija nkwetanti u l-Kunsill għandu jara li jrażżan l-infieq tiegħu.

Wara diskussjoni dwar ir-rapport ippreżentat, il-Kunsill talab li jsir meeting mal-Accountant wara l-5.30p.m., mal-membri tal-Kunsill.

## 6. Komunikazzjoni minn Laqgħat li saru

2059 Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsillier Charles Selvaggi kellhom Laqgħa mas-Sajjieda dwar il-yellow box. Il-gwida minn Transport Malta kienet li ssir Communal Yellow Box. Il-Kunsillier Matthew Agius spjega li l-mod ta' kif indirizzaw lis-Sindku ma kienx ġust għaliex dawn qabdu u għamlu riedu. Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma li l-iskall se jikber. Il-Kunsillier Matthew Agius ġibed l-attenzjoni li l-iskall huwa devolut lill-Kunsill għaldaqstant il-Kunsill għandu jiġi nfurmat b'kull żvilupp li jista'

jsir. Il-Kunsillier Lino Bartolo staqsa jekk b'din il-Communal Bay hux se jinqaras xi ħadd. Il-Kunsillier Matthew Agius spjega li din hija pika bejn is-sajjieda u min kien full timer kellu problemi biex iħott u jgħabbi. Il-Kunsillier Charles Selvaggi qal li se jsir Sign on Pole ukoll. Is-Sindku spjegat li se jsir Sign ta' Lighting/Boarding u Keep Clear quddiem l-islipway. Il-Kunsillier Matthew Agius staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-Maritime Authority u jiġi fornut bil-lista ta' Full Time Fisherman u jsir mezz li dawk full timers ma jiġux ostakolati. Is-Sindku spjegat ukoll li jista jsir 1m Yellow Line bħala Clearance. Il-Kunsillier Lino Bartolo staqsa jekk inġibditx l-attenzjoni tal-Kumitat dwar iż-żejt u l-jerry cans. Is-Sindku nfurmat li se jintbagħat il-Contracts Manager u jsir it-tbattil meħtieġ.

## 7. Skeda ta' Ħlasijiet

2060 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet (Annessa bħala 'DOK A') tiġi approvata. Il-Kunsilliera Lino Bartolo u Romina Galea proponewha u ssekondawha rispettivament. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

8. Affarijiet Oħra

2061 Is-Sindku nfurmat li s-sid ta' Cafe de Giuseppe talab permess mill-Kunsill sabiex jarma Big Screen u joħroġ imwejjed u siġġijiet f'żewġ parking bays. Il-Kunsillier Emanuel Brincat ġibed l-attenzjoni li dawk il-ħinijiet ikun hemm il-Quddiesa. Għaldaqstant sar qbil li l-permess jinħareġ bil-Kundizzjonijiet li L-iscreen isir mal-faċċata tal-entratura u waqt il-quddiesa jinżamm il-volum baxx kemm jista' jkun.

2062 Is-Sindku nfurmat li bosta residenti lmentaw li qed jaraw ħafna ġrieden tul ix-Xatt. Sar qbil li jinġabru kwotazzjonijiet u tittieħed azzjoni sabiex dawn il-ġrieden ma jibqgħux jiġu.

2063 Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li fuq inizzjattiva personali tkellem mar-residenti ta' Triq il-Gostra u ġie nfurmat li fadal xi 3 residenti x'jiffirmaw.

2064 Il-Kunsillier Charles Selvaggi nfurma lill-membri li l-Bring-in Site tal-karti qed timtela malajr ħafna u għaldaqstant jeħtieġ l it-tbattil isir aktar frekwenti. Ġie maqbul li jitressaq dan is-suġġeriment lil Greenpak

2065 Il-Kunsillier Charles Selvaggi ġibed l-attenzjoni li int u tiela minn Pantalesco jeħtieġ li jsir repainting. Il-Kunsillier Maurice Agius ikkonferma li x-xogħol sar iżda jidher li l-kwalita' taż-żebgħa mhix tajba.

2066 Il-Kunsillier Charles Selvaggi talab li jitwaħħlu tabelli biex ma jħallux il-Klieb iħammgu fi Triq Achille Ferris.

2067 Il-Kunsillier Maurice Agius staqsa dwar il-printing ta' kotba ta' Dun Joe Calleja fejn ġie nfurmat mill-istampatur li l-kotba kienu Out of Print.

2068 Il-Kunsillier Maurice Agius infurma lill-membri li s-Sinjali taż-Żebgħa fi Triq ix-Xatt tal-Imsida ma jidhrux u jeħtieġ li jsir repainting mill-aktar fis.

2069 Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li fi Triq Bordin, Triq Clarence u Triq il-Winc hemm nuqqas ta' knis bil-konsegwenz li qed ikun hemm ħafna ħmieġ.

MSIDA
**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

2074 Il-Kunsillier Lino Bartolo ġibed l-attezjoni li f'Towergate ma Triq Tal-Qroqq hemm sit qed tinbeda u qed jagħmel diżastru sħiħ, għaliex dan qed jibqa' għaddej bix-xogħlijiet wara l-ħinijiet awtorizzati mill-Kunsill. Barra minhekk intrama scaffolding li għalaq l-aċċess. Dan l-iscaffolding fih 26 metru u mill-kalkoli għamel irid jagħti 'l fuq minn € 8,000. Il-Kunsillier Emanuel Brincat qal li dan se jagħmel manutenzjoni tal-bankina. Il-Kunsillier Lino Bartolo spjegat li bil-Liġi l-bankina bilfors trid issir għaliex dik hija kundizzjoni maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar meta joħroġ il-permess ta' żvilupp.

2075 Il-Kunsillier Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li fi Triq it-Tabib Naudi sar xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fejn tħaffer kanal u ma sarx re-instatement sewwa. Issa ġara li l-qtates qed iħaffru u jħammġu nħoloq kanal perikoluż, biex isir patching.

2076 **Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Lulju, fil-17:30

Il-laqgħa ntemmet fit-20: 25

Minuti approvati llum 30 t' Awissu 2016

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Karen Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv